**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju, 2002

**Numru 1**

**Avviz. numru 1002/02JR**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Concetta sive Connie Vella u Alfred Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm339.01), u fejn intqal:**

**Illi fil-31 t'Awissu, 2001 inhargu diversi kambjalijiet minn Concetta sive Connie Vella u Alfred Vella favur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' tmienja u erbghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm48.43) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' erbgha u ghoxrin xahar. Il-konvenuti naqsu li jhallsu seba' kambjalijiet ta' tmienja u erbghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm48.43) kull wiehed li mmaturaw fil-31 ta' kull xahar bejn Settembru, 2001 u Marzu, 2002.**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm339.01) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana Credit Controller ma' l-attur li kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut fuq is-segwenti kambjali, kull wahda fl-ammont ta' tmienja u erbghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm48.43), u li skadew fil-31 ta' Settembru, 2001, fil-31 ta' Ottubru, 2001, fil-31 ta' Novembru, 2001, fil-31 ta' Dicembru, 2001, fil-31 ta' Jannar, 2002, 31 ta' Frar, 2002, u 31 ta' Marzu, 2002.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm339.01) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**